



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2009/2002(BUD)

14.8.2009

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2010, Taqsima III – Kummissjoni
(2009/2002(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Gay Mitchell

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jinsab imħasseb ħafna dwar it-tnaqqis ekonomiku globali u dwar ir-riperkussjonijiet multipli tiegħu fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż tnaqqis fil-flussi ta' investiment privat u ta' ħlas tal-migranti; jirrimarka li l-akbar konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja se jseħħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u joħolqu l-isfidi tal-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel u t-theddid ambjentali; jappella għal inizjattiva leġislattiva biex tindirizza l-ħtiġijiet l-aktar urġenti li jirriżultaw mill-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi li huma benefiċjarji tal-Istrument ta' Finanzjament għall-Kooperazzjoni tal-Iżvilupp (DCI) f'konformità mal-Mekkaniżmu ta' Vulnerabilità Flex ad hoc għall-pajjiżi AKP ifffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF); jinsisti li dan għandu jkun akkumpanjat minn proposti għal soluzzjonijiet innovattivi oħra għall-finanzi tal-iżvilupp biex jittaffa l-impatt f' terminu medju ta' żmien;
2. Jenfasizza li l-akbar sfidi ta' mitigazzjoni u adattament għall-bidla fil-klima se jkunu ffaċċjati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li kontribuzzjoni sinifikati mill-UE se tkun essenzjali sabiex jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet addizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex ikollha rwol ta' tmexxija fir-rispons għall-isfida, billi tikkoordina r-rispons tad-donaturi u billi tipprovdi riżorsi adegwati addizzjonali;
3. Jenfasizza l-importanza ta' mobilizzazzjoni rapida tal-għajnuna umanitarja fil-każ ta' diżastru naturali jew ta' diżastru kkaġunat mill-bniedem; jopponi kull miżura baġitarja li tista' tittardja l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi bħal dawn;
4. Jirrimarka li t-twessigħ żejjed serju tar-riżorsi tal-Intestatura 4 huwa riskju fejn tiġi compromessa l-kapaċità tal-UE sabiex tirispondi b'mod xieraq għal sfidi globali, bħala riżultat tan-numru kbir ta' ħtiġijiet ġodda mhux previsti fiż-żmien meta ġew stabbiliti l-Prospettivi Finanzjarji; jitlob għal revizzjoni tal-Qafas Finanzjarju Plurijenali biex jirrimedja din is-sitwazzjoni mhux sostenibbli;
5. Jopponi bil-qawwi l-prattika tal-Kummissjoni li tipprovdi biss informazzjoni parzjali dwar l-użu propost tal-appropriazzjonijiet tal-Intestatura 4 fl-istadju tal-Abbozz ta' Baġit Preliminari (PDB), li jipprovdi dettalji sħaħ biss meta l-proċedura baġitarja tkun għaddejja; jirrimarka li din ma tippermettix li l-Parlament iwettaq l-irwol sħiħ tiegħu; jinsisti li fis-snin li ġejjin isiru proposti sħaħ fil-PDB.